**17 ta' Novembru, 1993**

**Imħallfin: –**

**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D. – Aġent President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Joseph *Portelli*

*versus*

Onorevoli Prim Ministru *et*

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smigħ Xieraq – Appell – Appellabilità – Frivola u**

**Vessatorja – Digriet – Ritrattazzjoni – Sentenza – Sospensjoni – Soprasessjoni**

*Rikors b'liema ġie allegat li r-rikorrent ma nghatax smigh xieraq minhabba publikazzjonijiet li kienu saru fil-gazzetti qabel ma kienu rrelataw il-periti perizjuri fil-kawża prinċipali. Fil-kors tas-smigh tar-rikors ir-rikorrent talab is-soprasessjoni billi allega li degriet moghti mill-Qorti ta' l-Appell kien qiegħed jiġi ritrattat. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba għas-soprasessjoni, ċaħdet it-talba 'ar-rikorrent u ddikjarat dik it-talba frivola u vessatorja. Il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat l-appell fil-mertu irritu u null, u kkonfermat iċ-ċaħda għat-talba għal soprasessjoni.*

*Il-Qorti ddeċidiet li ma jingħatax appell minn deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li talba hija frivola u vessatorja.*

Il-Qorti: –

L-appell preżenti jirrigwarda s-segwenti żewġ sentenzi. L-ewwel waħda hija ta' l-20 ta' Awissu, 1993, u taqra hekk:

"Rat it-talba tar-rikorrent tat-13 ta' Awissu, 1993, għad-differiment sa l-eżitu finali tal-proċeduri ta' ritrattazzjoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell fejn qed tintalab li tiġi ritrattata s-sentenza dwar l-appell mid-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Lulju, 1993. Rat ukoll it-talba għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza in vista ta' l-istess ritrattazzjoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell;

Rat l-opposizzjoni ta' l-intimati għat-talbiet tar-rikorrent;

Ikkunsidrat:

Illi fit-30 ta' Ġunju, 1993, ir-rikorrent ippreżenta rikors fejn

talab li din il-Qorti tammetti bħala xhieda lill-Membru Parlamentari Ingliż McMillan-Scott kif ukoll lis-segretarja tiegħu, isimha mhux magħruf, u dan fit-termini ta' l-artikolu 584 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u li tagħti l-provvedimenti kollha opportuni a tenur ta' l-artikoli 613 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili biex ix-xiehda ta' dawn iż-żewġ persuni ssir permezz ta' "Ittri rogatorji";

Illi fl-udjenza tas-16 ta' Lulju, 1993, ir-rikorrent iddikjara li ma kellux provi aktar salv kull dritt tiegħu biex iressaq lill-Onor. McMillan-Scott u s-segretarja tiegħu u għalhekk din il-Qorti, wara li ħadet konjizzjoni tax-xiehda mismugħa u ta' l-aggravji msemmija fir-rikors tat-30 ta' Ġunju, 1993, ċaħdet it-talba għall-produzzjoni ta' l-istess xhieda u ddifferiet ir-rikors għas-sentenza;

Ir-rikorrent appella mid-digriet ta' din il-Qorti u għalhekk is-sentenza ma ġietx ippronunzjata fl-udjenza tat-30 ta' Lulju, 1993. L-appell interpost mir-rikorrent ġie ddikjarat null mill-Qorti ta' l-Appell minħabba difett proċedurali;

Fl-udjenza tat-13 ta' Awissu, 1993, ir-rikorrent informa din il-Qorti li ġiet ippreżentata talba għal ritrattazzjoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell sabiex tiġi ritrattata s-sentenza dwar l-appell mid-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Lulju, 1993, u għalhekk talab differiment sa l-eżitu finali ta' dawk il-proċeduri u s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi huwa minnu li fil-pendenza ta' proċedura ta' appell minn digriet interlokutorju, bħal ma kien dak mogħti minn din il-Qorti

fis-16 ta' Lulju, 1993, il-Qorti ta' Prim Istanza hija prekluża milli taqta' l-kawża ħlief fuq xi punt partikolari li jista' jiġi maqtugħ għalih. (Art. 229 Kap. 12). Iżda hawn il-kwistjoni mhix dik ikkontemplata fl-artikolu ppreċitat iżda, infatti din il-Qorti waqt il-proċedura ta' l-appell kienet waqfet milli tippronunzja s-sentenza fil-mertu. Il-kwistjoni hawn hi jekk, wara li jiġi deċiż l-appell minn digriet interlokutorju, jekk din il-Qorti għandhiex toqgħod tistenna anke l-eżitu ta' xi ritrattazzjoni li jogħġobha tressaq il-parti leża;

Illi l-istitut ta' ritrattazzjoni li huwa kkontemplat fit-titolu IV tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għandu l-għan ewlieni li jħassar sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew sentenza ta' Qorti ta' l-ewwel grad, li tkun għaddiet in ġudikat, sabiex l-istess kawża, li fiha tkun ingħatat is-sentenza, terġa' tinstema' mill-ġdid. Ir-ritrattazzjoni però, ma twaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata sakemm ma ssirx talba *'ad hoc'* permezz ta' ċitazzjoni u tingħata garanzija għall-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata a termini ta' l-artikolu 266(10); u jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-esekuzzjoni aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lill-parti li titlob is-sospensjoni milli t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja;

Illi fil-każ in eżami, it-talba għar-ritrattazzjoni qed issir mhux wara li ngħatat is-sentenza fil-mertu fil-kawża pendenti quddiem din il-Qorti, iżda t-talba, allegatament magħmula, hi ntiża sabiex jerġa' jinstema' appell minn digriet ta' din il-Qorti fuq provvediment dwar xhieda produċibbli f'dawn il-proċeduri. Illi dan bl-ebda mod ma jinkwadra ruħu fid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 811 *et sequitur*, u għalhekk talba simili, anke jekk verament ġiet intavolata, ma għandha bl-ebda mod tintralċja l-proċediment tal-kawża li tinstab quddiem din il-Qorti li

għandha mertu kompletament differenti minn dik li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni;

Illi inoltre mill-atti ma jidhirx li r-rikorrent ottempera ruħu ma' dak li jipprovdi l-artikolu 823(2) tal-Kap. 12 inkwantu ma tirriżulta ebda ċitazzjoni fejn qed issir it-talab għas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza u għalhekk din il-Qorti ma tistax tikkonsidra t-talba tar-rikorrent inwkantu irritwali;

Għar-raġunijiet fuq mogħtija, il-Qorti tiċħad it-talba tar-rikorrent għad-differiment u għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza'';

It-tieni sentenza li wkoll hija ta' l-20 ta' Awissu, 1993, taqra hekk:

''Rat ir-rikors ippreżentat fit-2 ta' April, 1993, li permezz tiegħu Joseph Portelli wara li ppremetta li fis-26 ta' Marzu, 1992, ġiet ippreżentata kawża fl-ismijiet ''Avukat Dottor Stephen Thake bħala mandatarju ta' l-assenti Tracey, mart Andrew Sample *vs* Joseph Portelli'', li permezz tagħha l-attriċi talbet li l-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla tordna, fl-aħjar interess tal-minuri James Joseph Portelli, illi l-kura u kustodja ta' l-istess minuri tiġi fdata lilha taħt dawk il-provvedimenti kollha opportuni f'dan ir-rigward;

Illi b'digriet tat-13 ta' Mejju, 1992, dina l-Onorabbli Qorti nnominat bħala Perit Legali lill-Avukat Dottor Marco Grixti u dan irrelata dwar il-każ;

Illi f'Diċembru, 1992, wara talba għan-nomina ta' periti perizjuri, dina l-Onorabbli Qorti nnominat lill-Avukati Philip

Sciberras, Joe Micallef Stafrace u Giovanni Bonello bħala periti addizjonali, li żammew seduta waħda fil-21 ta' Diċembru, 1992, u l-kawża tħalliet għar-rapport tagħhom;

Illi fil-ħarġa tal-ġurnal lokali "*The Times*" ta' l-10 ta' Marzu, 1993, deher rapport '*headline*' *intestat "Malta case over boy's custody raised in European Parliament", liema rapport issokkta fl-aħħar faċċata, "Malta case raised in Strasbourg";*

Illi fl-14 ta' Marzu, 1993, appena ġimgħa qabel il-preżentata tar-relazzjoni tal-periti addizzjonali, reġa' deher rapport ieħor simili fil-ħarġa ta' dak in-nhar tal-gazzetta "*The Sunday Times*", intestat "*More embarrassment*", fil-kolonna ta' Pamela Hansen;

Illi fit-22 ta' Marzu, 1993, il-periti addizzjonali ppreżentaw ir-relazzjoni tagħhom li fiha waslu għall-konklużjoni li l-Qorti m'għandhiex tiddipartixxi mill-konklużjoni raġġunta mill-ewwel Perit Legali;

Illi r-relazzjoni tal-periti addizzjonali hija vvizzjata minħabba l-ksur tal-garanzija ta' smigħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, *stante* li Tracey Sample mexxielha tinfluwenza u timmanipula l-opinjoni tal-periti addizzjonali deliberatament fi żmien meta hija kienet taf li huma kienu waslu għall-formazzjoni tar-relazzjoni;

Illi unikament minħabba l-għemil volut ta' Tracey Sample bħala kostitwenta, li nsistiet mal-Membru Parlamentari Ingliż biex iqajjem il-każ fi Strasbourg – kif fil-fatt sar – ir-relazzjoni tal-Periti Addizzjonali hija nieqsa mill-garanzija tas-smigħ xieraq

u qatt ma tkun tista' tidher illi l-ġustizzja qiegħda ssir;

Għaldaqstant talab illi din il-Qorti jogħġobha tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa biex tiżgura t-twettiq ta' l-atikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, fosthom illi tiddikjara li r-relazzjoni tal-Periti Perizjuri ma fihiex il-garanzija ta' smigħ xieraq;

Rat ir-risposta ta' l-Onorevoli Prim Ministru ppreżentata fil-15 ta' April, 1993, li permezz tagħha ssottometta:

Illi r-rikors tar-rikorrenti Portelli hu kompletament frivolu u vessatorju u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Illi l-asserzjoni li l-Periti addizzjonali l-Avukati Philip Sciberras, Joe Micallef Stafrace u Giovanni Bonello ffurmaw il-fehma tagħhom minħabba dak lir-rikorrent semma li deher fit-*"Times"* u fis-*"Sunday Times"* (fl-10 u fl-14 ta' Marzu, 1993) hi kompletament gratwita u gratwitament tista' tiġi miċħuda. Madankollu tajjeb li jissemma illi;

Il-Periti addizzjonali qablu ma' dak li kien qal il-Perit oriġinali Dr. Marco Grixti li rrelata qabel Diċembru, 1992, u ċjoè qabel ma deher l-istampat in kwistjoni;

Illi oġġettivament l-artikoli in kwistjoni ma qalu xejn aktar milli rripetew it-teżi ta' l-attriċi fil-kawża oriġinali, u wieħed ma għandux jassumi li l-fatt li tali teżi ġiet stampata għandu jbiddel l-opinjoni ta' xi ħadd;

*Illi kieku kien minnu dak li jasserixxi l-attur, anqas dan*

il-każ ma jista' jkollu smigħ xieraq peress illi r-rikors tiegħu ġie rrapportat fil-gazzetti b'mod li ġew irripetuti l-asserzjonijiet tiegħu dwr il-każ;

Illi wieħed għandu jkollu fiduċja, salv dejjem prova kontrarja, illi kemm il-ġudikant fl-ewwel każ, kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell li quddiemha jista' jsir appell, kif ukoll il-Perit Addizzjonali kollettivament u individwalment għandhom għaqal biżżejjed biex jixtarru l-każ u jiffurmaw l-opinjoni bla ma jiġu influwenzati b'rapportaġġ simili għal dak li semma r-rikorrent. Mhux qed jiġi allegat illi l-Periti qraw ir-rapport. Ħadd m'hu qed jasserixxi li dawn il-periti ma jafux jagħżlu minn kitba għal oħra u jiskartaw, kif jafu li hu dmirhom, dak li mhux fil-proċess meta jiġu biex jiffurmaw ġudizzju;

Illi fid-dawl tal-każ tas-"*Sunday Times* ta' Londra kontra l-Gvern Ingliż" ġewwa Strasbourg, *(Series A Vol. 30)* ikun kontra sens illi fuq banda waħda jgħid li ġurnali għandhom dritt jirrapportaw u jiktbu dwar proċeduri fi qrati, u fl-istess waqt jgħid li tali rapportaġġ iġib fix-xejn il-garanzija ta' smigħ xieraq;

Illi kieku din il-Qorti kellha tilqa' t-talba tar-rikorrent tkun fil-fatt mhux biss qed timpedixxi lill-ġurnali milli jiktbu dwar xi jkun qed jiġri fil-qrati iżda tkun ukoll qed tgħid li l-proċessi kollha kostituzzjonali kbar li ġraw f'dan il-pajjiż li kellhom "*coverage*" estiż fil-ġurnali u anke kummentarji f'paġini apposta saru f'atmosfera li tnaqqas is-smigħ xieraq u għalhekk m'għandhom ebda valur;

Għaldaqstant l-intimat Onorevoli Prim Ministru talab li din il-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bħala frivoli u vessatorji *stante* li l-istess huma karenti minn kull bażi ta' fatt u kull bażi

ta' liġi, u jistgħu jkunu ntiżi biss biex itawlu bla bżonn proċess li llum suppost hu matur għal deċiżjoni;

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Dottor Stephen Thake *nomine* ppreżentata fid-19 ta' April, 1993, li permezz tagħha ssottometta:

Illi t-talba tar-rikorrent għandha tiġi meqjusa bħala infondata u vessatorja u tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess Joseph Portelli għar-raġunijiet segwenti u ċjoè:

1. Illi l-operat ta' periti ġudizzjarji m'huwiex ikkontemplat mill-artikolu tal-Kostituzzjoni invokat mir-rikorrent billi ma jikkwalifikax bħala Qorti jew awtorità ġudikanti mwaqqfa b'liġi;

2. Illi jiġi rrilevat illi l-kawża "Dr. Stephen Thake *noe vs* Joseph Portelli" (Ċitaz. Nru. 325/92 FD) tinsab iddifferita għas-7 ta' Mejju, 1993, għall-eżami tar-rapport tal-Periti Perizjuri (illi skond ir-rikorrent ġew influwenzati mill-ħarġiet tal-gazzetti msemmija fir-rikors) u dak in-nhar u possibbilment anke fi ġranet oħra, ir-rikorrent ikollu opportunitajiet ampji biex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu dwar ir-rapport peritali, jirrovexxja kull inġustizzja illi jgħid illi saret miegħu u jottjeni, eventwalment sentenza fl-ewwel grad, li tkun favorevoli għalih. F'każ illi tali sentenza ma tkunx favorevoli għar-rikorrent, l-istess rikorrent ikollu d-dritt li jappella minnha u jagħmel is-sottomissjonijiet orali u bil-miktub dwar ir-rapport peritali *in parola*. L-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni tagħti d-dritt lill-Qorti illi tiċħad talba bħal dik tar-rikorrent f'każ illi tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma disponibbli favur ir-rikorrent. Huwa sottomess illi r-rikorrent għadu fi grad illi jirrimedja l-inġustizzja illi allegatament saret miegħu mingħajr ma jirrikorri quddiem din l-istanza;

3. Illi t-talba tar-rikorrent hija bbażata fuq erba' assunzjonijiet illi huma lkoll spekulattivi, dawn huma:

(a) fil-gazzetta illi r-rikorrent sab oġġezzjonabbli;

(b) illi l-periti ġudizzjarji qraw jew saru jafu bl-imsemmija artikoli qabel ma kienu ppreparaw u lestew ir-rapport unanimu tagħhom;

(ċ) illi l-artikoli *in parola* kien fihom informazzjoni illi oġġettivament setgħet twassal illi taffettwa l-ġudizzju tal-periti ġudizzjarji; u

(d) illi fil-fatt, il-periti ġudizzjarji ġew hekk effettwati;

Il-punti (a) u (b) jistgħu jiġu determinati biss bix-xiehda tal-Periti ġudizzjarji nfushom, għandu jingħad illi l-perijodu li għadda bejn il-pubblikazzjoni ta' l-artikoli fil-gazzetti u l-preżentata tar-rapport huwa *'per se'* newtrali għaliex seta' kien li r-rapport kien ġà lest qabel il-pubblikazzjoni ta' l-artikoli *in parola*. Il-punti (ċ) u (d) jistgħu jiġu biss determinati minn din il-Qorti. Il-Qorti hija però mistiedna teżamina l-artikoli *in parola*. L-ebda waħda minnhom ma tirrigwarda l-mertu tal-kawża fuq imsemmija iżda huma rapporti jew kummenti dwar dak li ntqal fil-Parlament Ewropew dwar id-dewmien tal-kawża. Jekk ir-rikorrent iħoss illi żewġ artikoli dwar id-dewmien tal-kawża setgħu influwenzaw il-ġudizzju ta' tliet avukati magħżula għall-maturità u l-kapaċità tagħhom fil-mertu tal-kawża, il-livell tal-provi li għandu jressaq biex jikkorrobora t-teżi tiegħu huwa ferm ogħla mis-sempliċi koinċidenza tad-dati illi semma fir-rikors tiegħu. F'dan ir-rigward tintħieġ kura u attenzjoni partikolari fl-apprezzament tal-provi għaliex jekk artikoli vagi u xi ftit

superfiċjali setgħu influwenzaw tlett imħuħ professjonali, dan "il-periklu" ġà jeżisti fir-rigward ta' l-imħallfin kollha illi sejrin jieħdu konjizzjoni ta' din il-kawża;

4. Finalment, irid jiġi enfasizzat għalkemm mhux strettament rilevanti għall-vertenza – illi r-rikorrent mhux talli ġie assigurat smigħ xieraq u adegwat, talli kien u għadu l-benefiċjarju tar-restrizzjonijiet materjali illi batiet minnhom martu matul din il-kawża minħabba l-assenza tagħha u tax-xhieda tagħha *minn dawn il-Gżejjer. F'din il-kawża xehdet biss* hi u żewġha Andrew Sample bħala xhieda tagħha u dan f'perijodu ta' jumejn u **biss** *quddiem* il-Perit Legali. Qatt ma xehdet quddiem il-Periti Perizjuri. Ir-rikorrent tella' x-xhieda kollha tiegħu fuq firxa ta' erba' xhur. Xehed hu diversi drabi, u xehed u għamel personalment is-sottomissjonijiet tiegħu quddiem il-Perit Perizjuri;

Għalhekk l-intimat Dr. Stephen Thake talab li t-talba tar-rikorrent tiġi miċħuda u f'dan ir-rigward *jissollecita illi sa fejn* hu possibbli għall-konvenjenza ta' din il-Qorti, it-talba tar-rikorrent tiġi deċiża bl-urġenza minħabba l-mera possibbilità illi l-pendenza ta' din il-kawża tfixkel id-determinazzjoni tal-kawża tal-kustodja ta' James Joseph Portelli;

Semgħet ix-xhieda pordotti mill-kontendenti;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-16 ta' Lulju, 1993, meta l-kawża ġiet imħollija għas-sentenza;

Rat id-digriet tagħha mogħti llum stess li permezz tiegħu din il-Qorti ċaħdet it-talba għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza intavolata mir-rikorrent;

Ittrattat il-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok għal din il-kawża huma, fil-qosor, kif sejjer jingħad:

1. Fis-26 ta' Marzu, 1992, ġiet ippreżentata ċitazzjoni mill-intimat odjern Dr. Stephen Thake *nomine* kontra Joseph Portelli li kienet tirrigwarda l-kura u kustodja ta' James Joseph Portelli, iben ir-rikorrenti u Tracey Sample;

2. F'dawk il-proċeduri kien inħatar bħala perit legali l-Avukat Dottor Marco Grixti li ppreżenta r-rapport tiegħu fl-aħħar tas-sena 1992, b'eżitu favorevoli għall-attur *nomine;*

3. F'Diċembru, 1992, saret talba għan-nomina ta' Periti Perizjuri u ġew maħtura l-Avukati Sciberras, Micallef Stafrace u Bonello;

4. Il-Periti Perizjuri żammew laqgħa, bi ftehim mal-kontendenti, fil-21 ta' Diċembru, 1992. Ingħatat xi xiehda, saru sottomissjonijiet tal-kontendenti u l-kawża ġiet imħollija għar-rapport li ġie ppreżentat fit-22 ta' Marzu, 1993;

5. Fil-frattemp u eżattament fl-10 ta' Marzu, u fl-14 ta' Marzu, 1993, fil-ġurnal *"The Times"* u *"The Sunday Times"* ta' Malta, dehru żewġ artikoli fejn ġie rrapportat intervent ta' Parlamentari Ingliż fi Strasbourg meta l-każ ta' James Joseph Portelli nġieb a konjizzjoni tal-Parlament Ewropew;

Ir-rikorrent, fuq dawn il-fatti, ippreżenta l-proċeduri odjerni

billi qed jallega li d-dritt tiegħu għas-smigħ xieraq, kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem ġie leż, inkwantu, kif qed jiġi allegat, li l-artikoli in kwistjoni kienu determinanti fil-konklużjonijiet raġġunti mill-Periti Perizjuri fir-rapport tagħhom ippreżentat wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' l-imsemmija artikoli;

Fuq din il-premessa u sabiex il-Qorti tkun tista' tibda biex teżamina jekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti għandhiex xi bażi, l-ewwel ħaġa li trid tiġi stabbilita hija jekk effettivament il-Periti Perizjuri, qabel ma ġie ppreżentat ir-rapport, ħadux konjizzjoni tal-kontenut ta' l-artikoli in kwistjoni. Wara li jsir dan u jekk jiġi stabbilit li fil-fatt l-artikoli kienu ġew a konoxxenza tal-Periti, il-Qorti tkun trid teżamina jekk dawn l-istess artikoli kinux determinanti fid-deċiżjoni tal-Periti u ċjoè jekk l-istess periti kinux influwenzati fid-deċiżjoni tagħhom. F'dan l-istadju t-*test* irid ikun wieħed għal kollox soġġettiv, personali għall-Periti Perizjuri, billi huwa l-ġudizzju ta' l-istess periti 'persuni maħtura għall-maturità u l-kapaċità tagħhom', kif sewwa ssottometta l-intimat Dr. Stephen Thake li qed jitpoġġa fuq il-miżien. Il-Qorti ma tistax tħares biss lejn il-kontenut ta' l-artikoli in kwistjoni, għalkemm dan l-eżami huwa meħtieġ, imma trid bil-fors tara jekk il-kontenut ta' l-istess artikoli setax kellu xi effett, mod jew ieħor fuq id-deċiżjoni tal-periti;

Qabel ma l-Qorti tgħaddi biex teżamina x-xiehda prodotti għall-iskop fuq imsemmi, tixtieq tissoferma ruħha fuq l-ewwel eċċezzjoni ssollevata mill-intimat Dr. Stephen Thake *nomine*. Qed jingħad li l-operat ta' periti ġudizzjarji m'huwiex ikkontemplat mill-artikolu tal-Kostituzzjoni invokat mir-rikorrent billi ma jikkwalifikax bħala Qorti jew awtorità ġudikanti

mwaqqfa b'liġi;

Huwa minnu li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar Qorti jew Awtorità ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili. Il-Kostituzzjoni tippreskrivi li tali Qorti jew awtorità ġudikanti għandha tkun indipendenti, imparzjali u takkorda lill-partijiet smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli. Isegwi li kull awtorità oħra li mhix Qorti fis-sens komunement aċċettat tal-kelma jew mhux awtorità ġudikanti *'for the determination of one's civil rights and obligations'* m'hijiex milquta bir-regoli stretti ta' l-artikolu in kwistjoni. B'danakollu, għandu jiġi rrilevat li l-proċess quddiem Qorti, li finalment iwassal għal deċiżjoni ta' dik il-Qorti, huwa proċess wieħed. Għalhekk kull digriet, kull ordni jew kull provvediment li l-istess Qorti tagħti fil-mori ta' dawk il-proċeduri għandu, fl-interess tal-ġustizzja u sabiex il-ġustizzja tkun tidher li qed issir, jirrispetta s-salvagwardji ta' smigħ xieraq, imparzjalità u indipendenza li l-Qorti fid-deċiżjoni finali tagħha, hija marbuta li ssegwi. Għalhekk, l-aġir u s-sottomissjonijiet ta' periti f'kawża, maħtura sabiex jiġbru xiehda u jagħmlu rapport lill-Qorti, irid jgħaddi mill-għarbiel ta' dak ipprovdut fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Jekk dan ma jsirx jista' jkollna s-sitwazzjoni infeliċi ħafna fejn parti mill-proċediment ikun sar bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, iżda d-deċiżjoni ma tkunx tista' tiġi attakkata billi l-Qorti tkun indipendenti u imparzjali;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xiehda prinċipali għad-determinazzjoni tal-kwistjoni li tinsab quddiem il-Qorti huma l-Periti perizjuri nnifshom u ċjoè l-Avukati Philip Sciberras, Joseph Micallef Stafrace u Giovanni Bonello. Dawn kollha ġew prodotti bħala xhieda;

Minn eżami ta' dak li qalu l-Periti perizjuri jirriżulta li wara li ġew maħtura, huma żammew seduta, flimkien mal-kontendenti, fil-21 ta' Diċembru, 1992. F'dik is-seduta saru sottomissjonijiet tal-partijiet. Dak in-nhar stess tas-seduta, wara li telqu l-partijjiet jew xi ġranet wara, fuq dan hemm ċerta nuqqas ta' qbil bejn il-periti, l-istess periti ddiskutew bejniethom il-mertu tal-każ u waslu għal deċiżjoni u taw lill-Avukat Dottor Philip Sciberras l-inkarigu li jirrediġi r-rapport. Dan ir-rapport dam ma jiġi pprezentat billi l-partijiet damu ma jippreżentaw in-noti ta' osservazzjonijiet li kienu ntrabtu li jagħmlu. Iżda, kif qablu t-tliet periti, ir-rapport li finalment ġie ppreżentat fl-20 ta' Marzu, 1993, kien jirrifletti eżattament dak li huma bejniethom kienu qablu dwaru fil-laqgħa li kienet saret wara s-seduta tal-21 ta' Diċembru, 1992;

Mix-xiehda tal-periti jidher li fil-waqt li l-Avukati Micallef Stafrace u Bonello, b'xi mod jew ieħor, kienu ħadu konjizzjoni ta' l-artikoli in kwistjoni, l-Avukat Sciberras, li effettivament kiteb ir-rapport fuq dak li kien ftiehem mal-periti l-oħra, ma kellux ebda konoxxenza ta' l-istess artikoli. Jidher ukoll li għalkemm l-Avukati Micallef Stafrace u Bonello kienu a konoxxenza ta' dak lil kien ġie rrapportat fil-gazzetti msemmija, dawn bl-ebda mod ma ġew influwenzati bl-istampat u ma biddlu xejn mill-fehma tagħhom. Il-perit inkarigat mill-kitba tar-rapport bl-ebda mod ma ġie avviċinat mill-periti l-oħra bħala konsegwenza ta' dak li kien ġie rrapportat fil-gazzetti;

Minn dana jidher ċar li l-ewwel prova li r-rikorrent kien mistenni li jagħmel falliet inkwantu l-periti waslu għad-deċiżjoni tagħhom ferm qabel ma ġew ippubblikati l-artikoli u l-perit legali inkarigat mill-kitba tar-rapport ma ġiex a konoxxenza ta' l-artikoli in kwistjoni qabel ma ppreżenta r-rapport li ġie redatt

a bażi ta' dak li kien ġie miftiehem mal-periti l-oħra ħafna żmien qabel;

Konsegwentement il-Qorti mhix tenuta tagħmel l-indaġini sabiex tara jekk l-artikoli msemmija kinux tali li setgħu jinfluwenzaw lill-periti b'mod li r-rikorrent jista' validament jilmenta li hu ġie ddiskriminat minħabba nuqqas ta' smigħ xieraq;

Il-Qorti tirrileva li l-eżerċizzju li sar quddiemha sabiex jiġi stabbilit jekk il-periti kinux ħadu konjizzjoni ta' l-artikoli msemmija seta' faċilment isir fil-proċeduri quddiem il-Qorti fejn hemm pendenti l-kawża dwar il-kura u kustodja tal-minuri. B'dan il-mod kien jiġi evitat ħafna telf ta' żmien u dik il-Qorti kienet tkun fil-possibbilità li tagħti kull provvediment opportun kieku rriżultat xi skorrettezza;

Illi, kif ingħad fuq, issa rriżulta li s-suspett tar-rikorrent ma kienx fondat u l-uniku effett ta' dawn il-proċeduri kien dewmien fid-determinazzjoni tal-kawża fuq imsemmija a vantaġġ tar-rikorrent u għad-detriment ta' l-attur *nomine;*

Għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tiddikjara li fil-fehma tagħha, it-tqanqil tal-kwistjoni kienet waħda frivola u vessatorja billi bla bażi u setgħet faċilment tiġi evitata u għalhekk tiċħad it-talba tar-rikorrent billi infondata bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu";

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Joseph Portelli li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tannulla, tħassar u tirrevoka d-digriet u s-sentenzi appellati *stante* li huma nulli u bla effett;

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Dottor Stephen Thake *nomine* għall-appell imsemmi, kif ukoll ir-risposta ta' l-Onorevoli Prim Ministru;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Skond l-appellant id-digriet u s-sentenza mogħtija fl-20 ta' Awissu, 1993, huma nulli u bla effett, *stante* li l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx tgħaddi għas-sentenza qabel ma jkun hemm deċiżjoni fuq it-talba għar-ritrattazzjoni. Huwa jsostni li l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx tiddikjara li t-talba għar-ritrattazzjoni "bl-ebda mod ma jinkwadra ruħu fid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 811 *et sequitur*". Dak kien *se mai*, kompitu tal-Qorti ta' l-Appell li quddiemha saret it-talba għar-ritrattazzjoni;

L-appellant jissottometti wkoll li l-ewwel Onorabbli Qorti kienet qed tassumi poter li ma tagħtihulhiex il-liġi, meta rriteniet illi "talba simili, anke jekk verament ġiet intavolata, m'għandha bl-ebda mod tintralċja l-proċediment tal-kawża li tinstab quddiem din il-Qorti, li għandha mertu kompletament differenti minn dik li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni". Skond l-appellant dan ma setax isir;

Fl-aħħarnett, l-appellant jissottometti wkoll, illi s-sentenza appellata hija nulla għaliex l-ewwel Onorabbli Qorti kienet taf li fil-kawża ma kinitx għadha saret it-trattazzjoni finali. Ir-rikorrent ġie negat id-dritt li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu

dwar il-mertu tal-kawża;

Ir-risposta għal dan l-appell, l-appellat issottometta fl-ewwel lok l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità u dan peress li l-ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat it-tqanqil tal-kwistjoni bħala waħda frivola u vessatorja u minn tali deċiżjoni, il-Kostituzzjoni ma tagħtix dritt ta' appell;

Illi huwa ovvju li l-ewwel u qabel kollox hija din il-kwistjoni li tinħtieġ li tiġi deċiża u ċjoè l-appell hux ritwali jew le;

Fuq din l-eċċezzjoni, il-partijiet għamlu sottomissjonijiet li assumew posizzjonijiet opposti;

Is-soluzzjoni ta' din il-vertenza hija abbastanza faċili, billi l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jispjega kollox;

L-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jipprospetta diversi każi fejn kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' allegat ksur tad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem jiġu deċiżi mill-Qorti kompetenti;

Skond l-inċiż wieħed ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 22 sa 45 tkun ġiet, tkun qed tiġi, jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha tista' titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju;

Skond l-inċiż 3 ta' l-istess artikolu jekk f'xi proċeduri f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45, din il-Qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba

fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja;

Skond l-inċiż 4 ta' l-istess artikolu mbagħad, kull parti fi proċeduri miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skond dan l-artikolu, għandha jkollha dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, iżda fit-termini ta' l-inċiż 5 ta' l-istess artikolu, ma jkunx hemm appell minn xi deċiżjoni skond dan l-artikolu li **xi talba** jew **it-tqanqil ta' xi kwistjoni** tkun sempliċement frivola jew vessatorja;

Hu ovvju, li tħares minn fejn tħares lejh dan l-inċiż 4 ta' l-artikolu 46, ifisser ħaġa waħda u li hi ċara daqs il-kristall. Ifisser, illi kemm fil-każijiet ikkontemplati fl-inċiż 1, kif ukoll fil-każijiet ipprospettati fl-inċiż 3, jekk id-deċiżjoni tkun li t-talba fl-ewwel każ, jew it-tqanqil tal-kwistjoni fit-tieni każ, huwa frivolu u vessatorju, ma jkunx hemm dritt ta' appell;

Fil-każ preżenti, l-ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet li t-talba tar-rikorrent kienet waħda frivola u vessatorja u għalhekk l-appell interpost in kwantu jirrigwarda s-sentenza appellata ta' l-20 ta' Awissu, 1993, huwa irritu u null u ser jiġi ddikjarat bħala tali;

Jiġi osservat ukoll, però, u dan minħabba lment li ressaq l-appellant, illi huwa qed jippretendi li s-sentenza hija nulla billi l-ewwell Onorabbli Qorti ddeċidiet il-kawża meta anqas ma kienet għadha saret it-trattazzjoni finali;

Il-verità tal-fatti, però, turi proprju l-oppost u ċjoè li l-kawża kienet ilha mmaturata b'mod li tista' tiġi deċiża in mankanza ta' ostakoli oħra li setgħu jitqajmu, u l-appellant kien jaf minn qabel li fl-20 ta' Awissu, kien il-każ li setgħet tingħata s-sentenza.

Sadantittant, fl-20 ta' Awissu, 1993, ingħatat is-sentenza mingħajr opposizzjoni da parti ta' l-appellant, ħlief għal dak li ser jissemma aktar 'l isfel u li jifforma l-mertu tal-kumplament ta' l-appell. Għalhekk anqas f'dan l-aggravju m'għandu raġun, anzi jista' jiżdied, li fl-20 ta' Awissu, ir-raġunijiet li kien diġà ġab 'il quddiem kontra li tingħata sentenza kienu bbażati kompletament fuq premessi oħra, u mhux fuq il-premessa li għad trid issir it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-appellant, però, għoġbu jappella wkoll mid-digriet ta' l-ewwel Onorabbli Qorti ta' l-istess data li permezz tiegħu dik il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent issa appellant għal differiment u għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

Jingħad mill-ewwel li kwistjonijiet bħal soprassessjoni u talbiet għal differimenti huma totalment imħollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti u mhux solitu għal din il-Qorti li tindaħal fl-eżerċizzju ta' tali diskrezzjoni, jekk ma jkunx manifest li l-ewwel Onorabbli Qorti tkun imxiet b'mod irregolari jew ħadet deċiżjoni manifestament żbaljata;

Id-digriet appellat ta' l-ewwel Onorabbli Qorti mhux però wieħed minn dawn il-każi u għamlet sewwa dik il-Qorti li ċaħdet it-talba tar-rikorrent. Infatti, apparti mill-fatt li din il-Qorti taqbel perfettament mal-motivazzjoni kif spjegata fid-digriet appellat, jiġi osservat li r-ritrattazzjoni hija mogħtija mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) meta *si tratta* ta' kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell, u r-ritrattazzjoni li ntalbet kienet mhux ta' kawża deċiża mill-appell iżda ta' appell minn digriet interlokutorju. Għalhekk għamlet

tajjeb l-ewwel Onorabbli Qorti li ċaħdet it-talba għas-soprassessjoni;

Għalhekk, anki kwantu jirrigwarda l-appell mid-digriet li bih ġiet miċħuda t-talba għas-soprasessjoni, l-appella ma jistax jiġi akkolt;

Għal dawn il-motivi, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li tiċħad it-talba għad-differiment u għas-soprassessjoni, u f'dan ir-rigward tiċħad l-appell, tiddikjara l-kumplament ta' l-appell in kwantu dirett kontra s-sentenza appellata, bħala irritu u null, billi l-istess sentenza ma setgħatx tiġi appellata. L-ispejjeż tal-prim'istanza jibqgħu kif deċiżi, mentri dawk ta' din l-istanza jkunu a kariku ta' l-appellant.